MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 794/2009

**The Performing Right Society Limited ta' Londra, L-Ingilterra (Numru ta' Registrazzjoni 134396) rapprezentata f'Malta mill-agenti u mandatrici taghha Dingli Co. International Ltd. (C-7692)**

***kontra***

**Grima Communications Company Limited (C-13230)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf prezentat fit-12 ta' Awissu 2009 li jaqra hekk –

*Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha tiehu minghand is-socjeta' intimata s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mija wiehed u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu **(€28,121.17)**, kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf, tmien mija wiehed u tletin ewro u hamsin centezmi **(€23,831.50)** rapprezentanti "royalties" u*

*kwantu ghal erbat elef mitejn disa' u tmenin ewro u seba' u sitin centezmi **(€4,289.67)** bhala taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) fuq l-istess, ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar tas-sena 2008 u t-30 ta' Settembru tas-sena 2009, skond l-anness prospett markat **<u>Dok. "A"</u>**, dovuta l-imsemmija somma skond il-ftehim datat 10 ta' Settembru 2008 u li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u markata **<u>Dok. "B"</u>**, li permezz tieghu s-socjeta' intimata kienet inghatat licenzja mis-socjeta' rikorrenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kapitlu 415 tal-Ligijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta) sabiex ixxandar xogholijiet muzikali fir-ripertorju tal-istess socjeta' rikorrenti permezz tal-istazzjon tar-radju tas-socjeta' intimata li jgib l-isem "XfM".*

*Illi minkejja illi saru diversi interpellazzjonijiet lis-socjeta' intimata, anke permezz ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' April, 2009 u li kopja taghha qieghda tigi wkoll hawn annessa u mmarkata bhala **<u>Dok. "C"</u>**, ghall-hlas ta' dina s-somma, fl-ammont illi kien dovut sa dakinhar, l-istess socjeta' intimata baqghet ghal kollox inadempjenti fil-pagament minnha dovut, u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.*

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrenti titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*(1) tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mija wiehed u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu **(€28,121.17)**, kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf, tmien mija wiehed u tletin ewro u hamsin centezmi **(€23,831.50)** rapprezentanti "royalties" u kwantu ghal erbat elef mitejn disa' u tmenin ewro u seba' u sitin centezmi **(€4,289.67)** bhala taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) fuq l-istess, ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar tas-sena 2008 u t-30 ta' Settembru tas-sena 2009, skond l-anness prospett markat **<u>Dok. "A"</u>**, dovuta l-imsemmija somma skond il-ftehim datat 10 ta' Settembru 2008 u li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u markata **<u>Dok. "B"</u>**, li permezz tieghu s-socjeta' intimata kienet inghatat licenzja mis-socjeta' rikorrenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kapitlu 415 tal-Ligijiet ta'*

*Malta, Edizzjoni Riveduta) sabiex ixxandar xogholijiet muzikali fir-ripertorju tal-istess socjeta' rikorrenti permezz tal-istazzjon tar-radju tas-socjeta' intimata li jgib l-isem "XfM".*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' April, 2009 (**Dok. C**), u tal-mandat ta' sekwestru numru 1337/09 li qieghed jigi prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra s-socjeta' intimata illi minn issa r-rapprezentanti taghha huma mharrkin ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-kumpannija rikorrenti, kif ukoll il-lista ta' dokumenti li kienu annessi mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta guramentata prezentata fit-18 ta' Settembru 2009 li taqra hekk –

*1. Illi in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti s-socjeta' attrici ma setghatx tintavola l-proceduri odjerni, stante li m'ghandhiex l-awtorizzazzjoni idoneja sabiex jigu inizjati l-proceduri de quo ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti l-ammont mitlub huwa ezagerat u huwa bbazat fuq ammont fitizju mahdum mis-socjeta' rikorrenti u b'hekk l-ammont mitlub ma jistax ikun wiehed korrett ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-kumpannija intimata.
**Qieset** il-provi li lahqu tressqu sal-udjenza tat-13 ta' Lulju 2010.

**Rat** in-nota li kienet prezentata fl-udjenza tal-lum fejn il-kumpannija attrici rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' sebat elef seba` mija erbgha u sittin Ewro (€7,764) ghall-perijodu indikat fit-talba, wara li fil-mori tal-kawza saru pagamenti u aggustamenti, u zammet ferm it-talba taghha li l-ispejjez jigu sopportati mill-kumpannija konvenuta.

**Rat** in-nota li kienet prezentata fl-udjenza tal-lum fejn il-kumpannija konvenuta ammettiet it-talba attrici abbazi tas-sorte kif ridott u cioe` fl-ammont ta` ammont ta' sebat elef seba` mija erbgha u sittin Ewro (€7,764).

**Semghet** lid-difensuri tal-partijiet.

**Rat** l-atti tal-kawza.

**Fuq ammissjoni tal-kumpannija konvenuta tat-talba attrici kif ridotta, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**1) Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici, fil-kwalita` taghha premessa, is-somma ta` sebat elef seba` mija erbgha u sittin Ewro (€7,764) bhala bilanc minnha dovut ghal "*royalties*" u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) relattiva ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2008 u t-30 ta' Settembru 2009 skond ftehim bejn il-partijiet tal-10 ta' Settembru 2008, bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-20 ta' April 2009.**

**2) Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjeż kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------